# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Dicembru tas-sena 2001.**

**Numru 16**

**Avviz numru 403/98/SM**

**Martin u Stephania Burr**

**vs**

**David Cutajar**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 ta' Marzu ta' l-1998 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas is-somma ta' seba' mija u sebgha u disghin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu u disa' millezmi (LM797.68,9), liema somma hija dovuta lilhom in vista tad-difetti li kellha l-vettura Citroen AX 1.4 Diesel (FAG 717) li huma kienu xtraw minghandu ;**

**2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-14 ta' Mejju ta' l-1998 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Prliminarjament illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 1431 (1) tal-Kodici Civili;**

**2. Illi bla pregudizzju ghall-premess mhux minnu li l-vettura de quo kienet afflitta minn difetti latenti. Inoltre qabel inxtrat mill-atturi huma gabu maghhom mechanic tal-fiducja taghhom sabiex jezamina l-karozza;**

**3. Illi l-atturi kienu jafu li qed jixtru karozza "second hand" u li qabel inxtrat mill-konvenut kienet ghaddiet minn idejn diversi sidien ohra;**

**4. Illi fil-fatt fl-iskrittura tal-bejgh il-partijiet ftehmu illi l-vettura qed tinxtara "tale quale";**

**5. Illi mhux konsentit mill-ligi illi wiehed jixtri vettura "second hand" li ilha l-fuq minn seba' snin fit-triq, li bidlet l-idejn diversi drabi, jixtriha espressament "tale quale", imbaghad jippretendi li jekk fiha xi difett ghax ma hiex karozza gdida, jghamel tajjeb ghalihom il-bejjiegh;**

**6. Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Ezaminat ix-xhieda pprezentata quddiem din il-qorti diversament preseduta;**

**Ezaminat ix-xhieda l-ohra kollha;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi fil-25 ta' Gunju ta' l-1997 l-atturi xtraw il-vettura meritu ta' din il-procedura minghand il-konvenut ghall-prezz ta' elfejn u mitejn Lira Maltin, (LM2,200.00,0), wara avviz appozitu li kien deher f'gazzetta lokali;**

2. **Illi kien car bejn il-partijiet li l-vettura kienet qed tinbiegh "tale quale", stante li l-vettura kienet wahda immanifatturata fl-1990;**

3. **Illi qabel ma l-atturi xtraw il-vettura de quo hadu persuna li ezamina l-vettura de quo sew u haduha wara li strahu fuq il-parir pozittiv tieghu ghan-negozju;**

4. **Illi fil-perjodu konsiderevoli li kien ghadda minn meta l-atturi hadu l-vettura de quo fil-pussess taghhom jirrizulta li dawn kienu hadu l-istess vettura ghand mekkanik ta' fiducja li kien jaffettwa "service" fuq l-istess;**

5. **Illi ghalkemm dan il-mekkanik kien informa lill-atturi li l-magna ma kienitx tiffunzjona sew, jirrizulta li dawn xorta kienu juzaw l-istess vettura sakemm saret il-hsara li tat lok ghall-procedura odjerna;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi r-rikjam tal-konvenut ghall-artiklu 1431 (1) tal-Kap 16 huwa ghalhekk pertinenti;**

**Illi jirrizulta li l-vettura de quo kienet ilha aktar mit-terminu hemm preskritt fil-pussess ta' l-atturi qabel ma bdew jittiehdu l-passi li wasslu ghall-procedura odjerna, u kif gie ben ritenut fil-kawza Maria Rosa Muscat Baldacchino vs Edward Vincenti Kind. (Vol. XLVII. 111. 1130,) stante li l-konvenut qatt ma irrikonoxxa d-difett latenti:**

> **"Il-protesti, id-diffidamenti u t-trattattivi ma humiex idonei biex jimpedixxu d-dekadenza";**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut tiddikjara l-azzjoni odjerna preskritta u konsegwentement il-procediment ezawrit, bl-ispejjez ghall-atturi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**